MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 298/2002/1

**Joseph R. Darmanin**

**vs**

**Gino Cauchi u Maria Muscat**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Marzu, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati, prevja dikjarazzjoni li huma responsabbli ghall-allegazzjonijiet mxandra fuq "Super One T.V." fil-progamm ta' l-ahbarijiet nhar it-3 ta' Marzu tas-sena 2002;

1. Illi huma responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur minhabba li d-diskors mxandar kien malafamanti u libelluz u ntiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti ai termini ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, (Kap. 248);

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti regolarment ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti Maria Muscat m'hijiex persuna li kontra taghha tista' titmexxa l-azzjoni taht l-att dwar l-Istampa u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu r-rapport ta' l-ahbarijiet indikat mill-attur ma fih xejn libelluz fil-konfront ta' l-attur;

3. Illi l-eccipjenti ghandhom dritt u obbligu li jezercitaw il-professjoni taghhom ta' gurnalisti. Ir-rapport kien jitratta kwistjoni ta' interess pubbliku attwali, u jekk kien fih xi inezattezzi li jolqtu lill-attur dan kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa;

Rat in-nota ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-20 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha l-persuna li kienet qed tippresjedi astjeniet milli tkompli tisma' din il-kawza ghar-ragunijiet hemm espressi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju, in vista tad-decizjoni ta’ din il-qorti kif preseduta tal-lum stess fl-ismijiet Joseph R. Darmanin vs Felix Agius – Avviz Numru 299/02 SM, din il-qorti qed taghmel ampja referenza ghall-analizi fattwali hemm espost stante li hu identiku ghall-kaz odjern;

Ikkunsidrat:

Illi pero’ tindirizza sommarjament l-ispecificita’ proceduralі sollevati mill-konvenuti f’din il-procedura stante li l-ewwel eccezzjoni tissolleva l-kwistjoni li din il-procedura m’hix procedura legittima fil-konfront tal-konvenuta Muscat u konsegwentement din ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuta Muscat tirrizulta li kienet il-gurnalista li qrat il-bulletin ta’ l-ahbarijiet meritu ta’ dan il-kaz, (ara fol 19);

Illi bl-ebda mod ma tirrizulta li kienet l-awtrici tieghu hlief ghal sintesi zghira riprodotta a fol 19 u 20;

Illi l-editur, il-konvenut Cauchi lealment informa lill-qorti li kien hu li ipprova jivverifika l-fatti stante li jsostni li l-kmamar ta’ l-ahbarijiet ta’ “Super One T.V.” u tal-“Kull Hadd” jikkollaboraw hafna flimkien  u jgibu l-istejjer ta’ xulxin, (ara fol 48);

Ikkunsidrat:

Illi analizi sommarja kif  rikjest mill-procedura odjerna jitfa’ dawl bizzejjed ghar-rizoluzzjoni tal-eccezzjoni prelimanarja fuq indikata:

1. illi “stampar” u “xandir” fid-definizzjoni taghhom fl-artikolu 2 tal-Kap 248 jistabbilixxu l-kompetenza ta’ din il-qorti fuq l-akkadut;

2. Illi l-artikoli 23, u 25 ta’ l-istess Kap ikomplu jsahhu din il-kompetenza;

Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari sollevata m’hix ta’ konfort ghall-konvenuta Muscat stante li ma tistax u mhux permissibbli ghaliha li tezimi ruhha mir-responsabbilta’ libelluza billi tinheba wara l-editur taghha stante li r-responsabbilita’ imposta mill-Kap 248 hi wahda personali u mhux wahda strutturali;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut Cauchi hu l-editur tal-kamra ta’ l-ahbarijiet ta’ l-istazzjoni televiziv ikkoncernat, (ara fol 21);

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenuti Gino Cauchi u Maria Muscat responsabbli ta’ malafama u libell fil-konfront ta’ l-attur Joseph R. Darmanin minhabba li d-diskors mxandar kien malafamanti u libelluz u intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-istess attur;

2. Taghmel ampja referenza ghad-decizjoni ta’ din il-qorti kif preseduta tal-lum stess fl-ismijiet Joseph R. Darmanin vs Felix Agius – Avviz Numru 299/02 SM ghar-ragunijiet fuq indikati u ghad-decizjonijiet tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et tal-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 rigwardanti l-likwidazzjoni tad-danni reali kkontemplati fil-Kap 248;

3. Tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti:

a. Fil-konfront tal-konvenut Cauchi:

i. Illi l-attur mhux personagg pubbliku;

ii. Illi l-konvenut ma jirrizultax li pprova jikkonferma l-allegazzjonijiet li kien qed jircievi b’serjeta’;

iii. Illi l-agir tal-konvenut ma jirrizultax li kien in buona fede;

b. Fil-konfront tal-konvenuta Muscat:

i. Illi l-attur mhux personagg pubbliku;

ii. Illi giet biss uzata ta’ strument li permezz tieghu dak ipprogrammat minn haddiehor gie trasmess lill-pubbliku fil-bullettin ta’ l-ahbarijiet in dizamina tramite l-persuna taghha;

4. Rat l-artikolu 28 tal-Kap 248 u:

i. tikkundanna lill-konvenut Gino Cauchi biex ihallas lill-attur Joseph R. Darmanin l-ammont ta’ sitt mitt Lira Maltin, (Lm600.00,0);

ii. tikkundanna lill-konvenuta Maria Muscat biex thallas lill-attur Joseph R. Darmanin l-ammont ta’ mitt Lira Maltin (Lm100.00,0);

iii. tikkundanna lill-imputati Gino Cauchi u Maria Muscat biex ihallsu l-ispejjez ta’ din il-procedura fil-persentagg ta’ wiehed minn kull sitta lill-konvenuta Muscat, u l-kumplament mill-konvenut Cauchi.**”**

Il-konvenuti hassewhom aggravati b’din is-sentenza. Huma jadducu dawn l-aggravji fil-konfront taghha:-

1. Maria Muscat ma kienetx l-awtrici tas-servizz in disamina u ghalhekk ma kienetx persuna idonea biex tigi mharrka. Huma jissottomettu illi l-fatt li gurnalist jaqra servizz ta’ ahbarijiet ma jfisserx li tkun l-awtrici ta’ dak is-servizz u lanqas ma jikkollokaha fil-kategorija precizata fl-Artikolu 23 tal-Kap. 248;

2. Fl-ahbar moghtija ma kien hemm xejn avvers ghall-iskop tal-Artikolu 11(a) tal-imsemmi Kap 248 u li jirredikola lill-attur jew joffendi l-unur tieghu. Jikkontendu li s-servizz jirrakkonta fatti veritieri li effettivament sehhew jew li kienu reali. Jissoktaw jippuntwalizzaw, u anzi jirrepetu, illi l-fatti attribwiti fis-servizz graw. Dan huma jiggustifikawh billi jsostnu illi l-attur kien jokkupa l-kariga ta' konslu ghall-Awstrija u dan fl-istess zmien li kien jirrapprezenta lill-kumpanija Mediterranean Link Limited.
3. L-ewwel Qorti naqset li tindirizza t-tielet eccezzjoni. F'dan il-kaz jargomentaw illi l-attur kellu dritt ampju fil-ligi sabiex iwiegeb ghall-kontenut tar-rapport minflok ma jiehu passi ghal-libell.

Jigi osservat qabel xejn illi hu pacifiku f'materja ta' ingurja permezz tal-istampat illi l-attur li jhossu malafamat ma kellux jaghmel haga ohra biex isostni d-domanda tieghu hlief li jipprova li l-artikolu jew ahbar mxandra kienet ingurjuza. Sodisfatta din il-prova huwa, mbaghad, dmir tal-konvenuti li jikkombattuha bil-mezzi permessi mil-ligi biex jevitaw il-konsegwenzi tal-agir taghhom (Kollez **Vol XXXIII pI p450**).

Opportunement, jigi osservat ukoll illi fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem, tutelati mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, u ahjar mfissra mill-kazistika tal-Qorti Ewropeja, hemm, oltre spazju ampju lid-dritt tal-espressjoni, d-drittjiet li bniedem f'socjeta` ghandu jkollu tal-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tieghu.

Fil-kaz in diskussjoni l-attur qies bhala malafamanti ta' l-unur tieghu l-kontenut tal-ahbar imxandra fuq Super One Television fit-3 ta' Marzu 2002, u in partikolari dik il-parti taghha li ghamlitu r-rapprezentant f'Malta tal-konsorzju Malta Mediterranean Link li fih hemm kumpanija li tmexxi l-ajruport ta' Vienna. Dan fiz-zmien meta kienu qed isiru pjanijiet u negozjati ghal privatizazzjoni tal-airport ta' Malta, li tal-kumpanija lokali li kienet tmexxih, hu kien wiehed mid-diretturi. Fir-rigward l-attur, oltre li nnega li kien rapprezentant tal-imsemmi konsorzju, sostna illi l-ahbar tat x'wiehed jifhem illi huwa kien qed ikun influwenti u strumentali biex dan il-konsorzju jigi favorit u dan b'xi

gwadan ghalih. Huwa invece iddemostra permezz ta' xhieda, senjatament Lawrence Zammit, Chairman tal-Malta International Airport (fol 28 u fol 41) u ta' Emanuel Ellul, President tal-Privitisation Unit (fol 32 u fol 44) illi huwa ma kienx partecipi fil-process tal-privatizazzjoni.

Issa kemm mill-kontenut tal-eccezzjonijiet, u issa wkoll replikat minnhom f'uhud mill-aggravji, l-konvenuti jarguwixxu illi l-ahbar ma kienetx libelluza fil-konfront tal-attur, u f'kull kaz kienet tikkonsisti f'espressjoni ta' fehma li kienet "fair comment", dwar fatti veritieri u ghalhekk ta' interess pubbliku.

Huwa konkordament ricevut f'bosta decizjonijiet fuq is-suggett hawn ezaminat illi biex id-divulgazzjoni bi kwalsiasi mod ta' informazzjoni titqies ezercizzju lecitu tad-dritt liberu tal-espressjoni jridu jikkonkorru s-segwenti kondizzjonijiet:-

a) il-verita` oggettiva tal-fatti esposti basta li din tkun ir-rizultat ta' ricerka diligenti u serja dwar fatti fil-kompletezza taghhom ("**Angelo Fenech pro et noe –vs- Anthony Montanaro et noe**", Appell Civili, 21 ta' Jannar 1993);
b) l-interess tal-pubbliku li jinghata gharfien tal-fatti;
c) l-korrettezza jew kontinenza tal-espressjoni tal-fatti. Dan fis-sens illi din tkun tissodisfa l-interess generali tal-konoxxenza tal-fatti determinanti ottenuti wara indagini orjentata li tgharaf dak li hu ta' rilevanza.

F'dan il-kaz, kif konstatat fis-sentenza appellata, l-konvenuti li kienu jehtiegilhom jaghmlu din il-prova, ma rnexxielhomx jaslu biex jissostanzjaw it-tezi taghhom li l-fatti kienu veri. Jezistu tentattivi biex jigi ipprovat illi l-informazzjoni giet ottenuta minn sorsi ta' min joqghod fuqhom u li saru verifiki anke ma' impjegati tal-Malta International Airport. B'danakollu xejn konkret ma gie pprovat, essenzjalment il-prova dimostrattiva li l-fatti kienu essenzjalment jikkorrispondu ghall-verita`. Jinghad li saru bosta verifiki izda mbaghad il-verifika li kienet konsentita li ssir mal-attur innifsu baqghet ma saretx.

Meta allura l-kliem attribwit li ntqal mill-attur, jew il-fatti rakkontati fir-rigward tieghu, ma jigux ipprovati ghal dik li hi veracita` dan indubbjament inaqqas il-gieh u l-istima f'ghajnejn il-pubbliku in generali. Dan apparti l-'innuendo' serja hafna ta' xi favoreggjamenti, minhabba l-posizzjoni tieghu, fir-rigward tal-konsorzju partikolari.

Din il-Qorti hi ghalhekk perswasa bhall-ewwel Qorti illi l-kontenut tar-rapport kien malafamanti, jgib l-izvalutar tal-persuna u jaghti lok ghad-danni. Danni li tista' tghid jikkonsistu 'in re ipse'.

Jifdal li jigu ezaminati l-ewwel u l-ahhar aggravju.

Mill-atti processwali, ghallanqas minn dak depost mill-konvenut Gino Cauchi (fol 48) ma jirrizultax li l-konvenuta l-ohra kienet semplici gurnalista li qrat is-servizz, kif hekk qed jigi allegat mill-appellanti. Invece jirrizulta konfermat illi l-iscript (fol 19) gie miktub proprju mill-konvenuta Maria Muscat anke jekk fuq dettalji provvduti lilha mill-konvenut Gino Cauchi li gabarhom mis-sorsi precizati minnu. Dan premess, jaghmel lil din il-konvenuta persuna idonea biex tigi citata in gudizzju skond il-Kap 248 fl-artikolu 23 tieghu.

Kwantu ghall-ahhar aggravju huwa veru li l-ewwel Qorti ma okkupatx ruhha mit-tielet eccezzjoni. Dwarha pero` jista' jinghad, b'affermazzjoni tad-decizjoni fl-ismijiet "**Onorevoli Perit Charles Buhagiar –vs- Ray Bugeja noe**", Appell, 25 ta' Mejju 2001, illi "f'sitwazzjoni simili indubbjament l-appellant ma jistax jippretendi illi seta' jezimi ruhu mir-responsabilita` ghall-malafama minnu kommessa billi jippretendi li l-attur seta' dejjem kiteb lill-editur tal-gazzetta u jitlob li tigi ppubblikata rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni. Dan ghaliex pajjiz demokratiku kien jixraqlu li jkollu stampa hielsa imma stampa responsabbli li kienet obbligata wkoll, illi entro l-limiti stabbiliti, topera fir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni taghha bhala oggett ta' kritika jew kumment".

Is-suesposti aggravji in vista tal-konsiderazzjonijiet espressi ma jistghu jircievu l-ebda akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------